# Postijiet għall-bniet fl-iskejjel tal-Knisja Fir-Raba' Sena Primarja

F'Novembru 2020 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2021-2022. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għar-Raba' Sena Primarja.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għar-raba' sena primarja bniet *mainstream* huwa ta' wieħed u għoxrin (21) post.

Kellna erba applikazzjonijiet tal-aħwa, tnejn ghal St Monica, Gżira u tnejn għal skejjel li bħalissa m'għandomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel relevanti dawn jinkitbu fihom.

Applikanta talbet trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Din l-iskola m'għandiex postijiet vakanti. Dan il-post ma jitnaqqasx mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li tista' tokkupa post fi skola se tħalli post vakanti fl-iskola fejn tattendi.

Konklużjoni, minn wieħed u għoxrin post *mainstream* innaqsu tnejn jibqa' dsatax-il post vakant (21-2=19).

Ser jintlaqaw applikazzjonijiet *mainstream*, bis-sapport każijiet soċjali u tal-ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fl-istqarrija għall-istampa u r-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul u jkollhom ħuthom li qed japplikaw għall-ewwel sena kindergarten. Jekk xi wħud minn dawn l-aħwa jirreġistraw fi skola, iż-żgħar jkunu jistagħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom jekk ikun hemm post. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **22 ta' Jannar 2021**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**